# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-3 ta' Novembru 2022**

**Rikors Numru : 427/2022 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**RC**

**U**

**RB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 5 ta' Awwissu 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (25.9.2010) fis-Santwarju tal-Madonna tal-Herba, Birkirkara Malta, kopja tac-certifikat taz-zwieg qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala "Dokument A";*

2. *Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet ma kellhomx ulied;*

3. *Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni datat id-disgha ta' Gunju tas-sena tnejn u ghoxrin (9.6.2022) fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Roberta Galea Mamo, kopja ta' liema qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala "Dokument B";*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u llum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata u*

*indipendenti min xulxin;*

5. *Illi ma hemm l-ebda pendenzi rigward hlas ta' manteniment minn xi parti fil-konfront tal-parti l-ohra, u dan anke ghaliex il-partijiet irrinunzjaw reciprokament mid-dritt taghhom illi jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin, u dan hekk kif jirrizulta car minn klawsola numru erbgha (4) tal-fuq imsemmi kuntratt tas-separazzjoni.*

6. *Illi dawn il-fatti jinkwadraw ruhhom u jissodisfaw il-kondizzjonijiet u kriterji kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex il-partijiet jiksbu d-divorzju;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgboha:*

1. *Tippronunzja d-divorzju ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex isiru d-debita registrazzjoni u annotamenti fl-atti civili relattivi fir-Registru Pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**RC** (vide dikjarazzjoni datata 9 ta' Gunju 2022, Dok C fol 15) illi l-partijiet izzewgu nhar il-25 ta' Settembru 2010 u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal. Sostna illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt il-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Maria Roberta Galea Mamo nhar is-6 ta' Gunju 2022. Ikkonferma illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet kif ukoll ma hemm ebda pendenza ta' manteniment dovut.

**RB xehdet** (vide dikkjarazzjoni datat 6 ta' Gunju 2022, fol 16) u kkonfermat u kkorraborat dak li xehed RC.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-***

***miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-25 ta' Settembru 2010, liema zwieg jgib certifikat numru 1815/2010 (Vide Dok A certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Maria Roberta Galea Mamo nhar id-9 ta' Gunju 2022 (vide Dok B, fol 5 et seqq.) Jirrizulta pero, li fil-premesa number C tal-kuntratt tas-separazzjoni personali, Dok B, il-partijiet ilhom jghixu separatament sa mil-1 ta' Lulju 2021. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi

sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1815/2010 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**